**86. Il-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u Kostruzzjoni ppropona:-**

Illi l-Kamra tapprova l-Estimi ta' Dħul u Nfiq tal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma għas-sena finanzjarja mill-1 ta' Ottubru, 1997 sat-30 ta' Settembru, 1998 skond l-Att XXIII ta' l-1991 dwar il-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma.

20.10.1997

**Il-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u Kostruzzjoni ressaq din l-Emenda:-**

Minnufih wara l-kliem "dwar il-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma" li jidhru fil-Mozzjoni Nru 86 ippreżentata fl-20 ta' Ottubru 1997, għandhom jidħlu l-kliem "kif riveduti skond id-dokument li tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra f'seduta numru 193 tat-2 ta' Marzu 1998".

**L-emenda mressqa mill-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u Kostruzzjoni fis-Seduta Nru 198 tat-13 ta' Marzu 1998 għaddiet.**

**L-Onor Francis Zammit Dimech ressaq din l-Emenda:**

Minnufih wara l-kliem "dwar il-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma" li jidhru fil-Mozzjoni Nru 86 ippreżentata fl-20 ta' Ottubru 1997, għandhom jidħlu l-kliem "b'dan iżda li l-Kamra tinsisti li l-Gvern għandu mill-aktar fis jieħu l-miżuri meħtieġa biex itaffi l-effetti ħżiena li se jġibu t-tariffi l-ġodda kemm fuq dawk li jifilħu l-anqas kif ukoll dwar għoli tal-ħajja b'effetti ħżiena fuq l-industrija, l-ekonomija nazzjonali, u fuq il-qagħda ta' l-impiegi f'pajjiżna".

**L-Emenda m'għaddietx.**

**Il-mozzjoni għaddiet u l-Estimi ta' Dħul u Nfiq tal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma għas-sena finanzjarja mill-1 ta' Ottubru, 1997 sat-30 ta' Settembru, 1998 skond l-Att XXIII ta' l-1991 dwar il-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma, kif riveduti skond id-dokument li tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra f'seduta numru 193 tat-2 ta' Marzu 1998 kienu approvati.**